Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,312, 11 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 212 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolament tal-2024 biex jemenda r-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan ir-regolament magħmul mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(3) u 79(b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan ir-regolament jista' jissejjaħ bħala r-Regolament tal-2024 biex jemenda r-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2017 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in International Humanitarian Action – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 30 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejjħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan ir-regolament għandu japplika mill-1 ta' Ottubru, 2024 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku; diment li l-istudenti li jikkwalifikaw għall-Grad minn din l-Università skont il-paragrafu (4) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandhom ikunu kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda."